**263. Il-Prim Ministru l-Onor. Eddie Fenech Adami u l-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Alfred Sant jipproponu:**

Illi din il-Kamra,

Tfakkar li t-22 ta' Novembru 1995 jaħbat il-ħamsin anniversarju minn mindu l-Onor Perit Dom Mintoff, membru ta' din il-Kamra, sar membru parlamentari għall-ewwel darba;

Tinnota li l-Onor Perit Dom Mintoff, ħa l-ġurament tal-ħatra bħala membru parlamentari għall-ewwel darba fit-22 ta' Novembru 1945 meta saret l-ewwel seduta tal-Kunsill tal-Gvern li kien iltaqa' fis-Sala ta' l-Arazzi, fil-Palazz, u minn dak inhar sal-lum baqa' jiġi elett f'kull leġislatura;

Tinnota wkoll li matul dan iż-żmien kollu, l-Onor Perit Dom Mintoff ta l-kontribut tiegħu għall-ġid ta' pajjiżna f'kull leġislatura kemm bħala membru parlamentari, kif ukoll bħala Ministru, Kap tal-Oppożizzjoni u Prim Ministru, u bil-ħidma politika tiegħu influwenza l-iżviluppi politiċi li seħħew f'pajjiżna f'dawn l-aħħar ħamsin sena;

Tirrisolvi li f'din l-okkażjoni ta' dan l-anniversarju, tifraħ u tirringrazzja lill-Onor Perit Dom Mintoff għall-kontribut siewi tiegħu matul dawn is-snin kollha li fihom iddedika ħajtu għall-politika u għall-ġid nazzjonali, u filwaqt li tixtieqlu għomor twil u ħieni, tawguralu li jkompli jkun ta' servizz għal pajjiżna.

20.11.1995